**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 13 t'Awwissu 2017
Id-XIX Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tad-dsatax –il Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex f'ħajjitna nfittxu lil Alla kontinwament.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (1 Slat 19, 9a.11-13a)

Il-profeta Elija kien ifittex il-preżenza t'Alla.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 84 (85), 9ab-10.11-12.13-14)

Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek

**It-Tieni Qari** (Rum 9, 1-5)

Il-bniedem huwa mistieden li jgħix bħala wild ta' Alla.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 14, 22-33)

Il-karba ta' Pietru lil Ġesù hija l-karba ta' dawk kollha li jfittxu lil Alla f'ħajjithom.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Bħal Pietru, in-nisrani huwa mistieden li jfittex lil Alla u jroddlu ħajr kontinwament.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-Ewkaristija hija dik it-teżor ta' ħajjitna li tlaqqgħana ma' Alla l-Missier u ddaħħalna fil-preżenza tiegħU.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.